**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Fernando Sammut, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 134180M.**

***Kumpilazzjoni Nru. 74/2014***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Fernando Sammut u ċioè talli:

> Bejn ix-xahar ta' Gunju, 2013 u Awissu, 2013 x' imkien gewwa dawn il-Gzejjer ta' Malta approprija ruhhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifika u cioe` l-ammont ta' 7,787 Euro; dan huwa aggravat minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;
>
> U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ikkommeta serq ta' flus li jammontaw ghal 7,787 Euros, li ghalhekk jeccedi l-2,330Euro, liema serq sar ukoll kkwalifikat bil-'valur', ghad-detriment tal-kumpanija Francis Busuttil & Sons;
>
> U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza li giet defenittiva;

> U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati/Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2016, fejn kien deciz li l-atti tal-procediment odjern kellhom jintbghatu lil din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex jissokta s-smigh tal-provi.[1]

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kien ammetta l-involviment tieghu fir-reat addebitat lilu kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu tal-14 ta' Jannar, 2014.

Illi kemm Stefan Ferriggi, kif ukoll Anton Dalli u Joseph Hili xehdu f'dettal dwar il-metodu li kien jadopera l-imputat sabiex iwettaq il-kondotta kriminuza tieghu. B'mod partikolari gie senjalat kif l-imputat kien konsistentement johrog il-barra mir-rotta tieghu, hekk kif definita mill-kumpanija, filwaqt li baqaw jigu registrati diskrepanzi bejn l-istock take tat-truck tieghu w il-kwantita' ta' gelat li kien ikun qed jigi registrat bhala li nhargu *invoices* ta' bejgh ghalih fis-sistema komputerizzata.

Illi ma hemmx dubbju li mill-atti processwali l-ewwel imputazzjoni giet ampjament pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Illi ma jirrizultax li l-imputat gie addebitat bl-aggravju tar-reat kontinwat.

Illi kif ddikjarat il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni minn taghha, it-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza.

Illi ghalkemm mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat kien tpogga' taht ordni ta' probation ghal tlett snin, ma gietx esebita s-sentenza relattiva.

---

[1] Fol.47 et seq.

Illi lanqas ma gie ppruvat li l-imputat hu recidiv. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni kif ukoll mill-addebitu tar-recidiva.

In kwantu ghall-piena l-Qorti qiset li l-imputat kien kkowopera mal-pulizija sa mill-14 ta' Jannar, 2014, in-natura serja tar-reat addebitat lilu, il-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first-time offender* u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 293, 294, 310(1)(a)[2] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tilliberah mill-kumplament u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal erba snin.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil hati jhallas is-somma ta' €7,787 lill-parte leza fi zmien erba snin ratealment bl-ewwel pagament issir dovut fl-1 ta' Mejju, 2017. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**

[2] Fi zmien meta sehh ir-reat u cioe' qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 il-piena kienet dik ta' bejn it-tlettax il-xahar u s-seba snin.